

Brussell, 15 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15563/24

SOC 830
EMPL 567
ECOFIN 1286

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024 - <i>Preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota dwar il-valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024, kif imħejjija mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-laqgħa konġunta tagħhom fl-14 ta' Novembru 2024.



Il-Kumitat tal-Impjiegi

Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

14 ta' Novembru 2024

Valutazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fuq bażi pilota fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024

Nota għall-attenzjoni tal-Ministri tal-EPSCO

1. Introduzzjoni

Bejn Settembru u Novembru 2024, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) wettqu valutazzjoni tal-ewwel implimentazzjoni li qatt saret tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, li ġiet introdotta fuq bażi pilota mill-Kummissjoni fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024. Din il-valutazzjoni segwiet l-istedina fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill *dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024* tal-11 ta' Marzu, li stiednu lill-EMCO u lill-KPS jivvalutaw l-impatt tiegħu, inkluż il-valur miżjud u l-piż amministrattiv potenzjali tiegħu fuq l-attivitajiet tagħhom u fuq iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024, u jinfurmaw lill-Kunsill.¹

¹ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2024](#), approvat mill-Kunsill (EPSCO) fil-11 ta' Marzu 2023.

Il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali twettaq abbażi tal-ħidma teknika tal-Grupp ta' Ħidma ddedikat tal-EMCO-KPS li studja t-tfassil u l-metodoloġija possibbli tiegħu bejn Settembru 2022 u Mejju 2023, li ġie implimentat fil-proġett pilota.² B'mod ġenerali, tali tfassil jikkonsisti f'analiżi f'żewġ stadji mwettqa mill-Kummissjoni biex tivvaluta r-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri, b'sejbiet li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS biex jinbena fehim kondiviż tal-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni u l-Kunsill jiġi infurmat kif xieraq.

B'mod parallel maċ-ċiklu tas-Semestru 2024, wara r-Rieżami tal-Governanza Ekonomika tal-UE, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li jinkludu "*qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali*" fir-Regolament il-ġdid 2024/1263 fost l-għodod għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni għall-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.³ Matul l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-proġett pilota, il-Kummissjoni esprimiet l-intenzjoni tagħha li toperazzjonalizza din id-dispożizzjoni billi timplimenta wkoll il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fiċ-ċikli futuri tas-Semestru, filwaqt li qieset l-aġġustamenti possibbli għall-karatteristiċi tekniċi u strutturali tiegħu diskussi mal-EMCO u l-KPS.

² Ara l-[Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-KPS dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew](#) u r-[Rapport tal-Grupp ta' Ħidma EMCO-KPS](#) relatat. Il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma bejn Settembru 2022 u Mejju 2023. Il-Grupp ta' Ħidma kien ibbażat fuq parteċipazzjoni volontarja tad-delegazzjonijiet u magħmul minn 21 Stat Membru (BE, CZ, DE, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LU, LT, LV, MT, NL, PL, PT, SI, SK) u l-Kummissjoni. L-EMCO u l-KPS approvaw il-Messaġġi Ewlenin li ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-Kunsill EPSCO tat-12 ta' Ġunju 2023 abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma msemmi hawn fuq.

³ Ara l-Artikolu 3(3), il-punt (b), tar-[Regolament \(UE\) 2024/1263](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Barra minn hekk, il-Premessa 8 tiddikjara li "[b]ħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntast tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali".

2. Analiżi tal-ewwel stadju (Novembru 2023 – Marzu 2024)

L-analiżi tal-ewwel stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali żiedet dimensjoni ġdida speċifika għall-pajjiż fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri.⁴ Dan ġie implimentat biż-żieda ta' skedi ġodda tal-pajjiżi bbażati fuq il-qari tal-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. L-Istati Membri ġew immarkati għal riskji potenzjali jekk mill-inqas 6 minn 16-il indikatur irriżultaw f'sitwazzjonijiet *li għandhom jiġu osservati jew kritiċi* skont il-metodoloġija stabbilita tad-dawl tat-traffiku applikata għat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-JER, b'għadd doppju f'każ ta' xejriet negattivi fuq sentejn konsekuttivi.⁵

Din l-analiżi tal-ewwel stadju kkomplementat il-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi b'enfasi speċifika fuq il-pajjiżi bl-għan li jinqabdu r-riskji għall-konverġenza soċjali madwar l-UE bil-ħsieb li jiġu implimentati l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; madankollu, xi Stati Membri jiddubitaw sa liema punt hija żiedet b'mod konkret il-profondità mal-kontenut tradizzjonali tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi. Filwaqt li l-metodoloġija ġiet żviluppata fil-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS, inkluż biex jiġu identifikati aħjar ix-xejriet, għad hemm xi dubji dwar il-kapaċità tagħha li tidentifika b'mod komprensiv ir-riskji għall-konverġenza soċjali minħabba t-tempestività ta' ċerti indikaturi soċjali u n-nuqqas ta' xi oqsma ta' politika rilevanti fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Peress li l-analiżi twettqet mill-Kummissjoni, din ma imponiet l-ebda piż amministrattiv fuq l-Istati Membri.

⁴ Ir-[Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024](#) ġie adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Novembru 2023 u - wara l-finalizzazzjoni tiegħu mill-EMCO u l-KPS - mill-Kunsill ukoll fil-11 ta' Marzu 2024.

⁵ F'konformità mal-kompromess tekniku milħuq fil-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS li studja t-tfassil tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali bejn l-2022 u l-2023 (ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna), għall-finijiet tal-analiżi tal-ewwel stadju l-metodoloġija tal-JER kienet akkumpanjata minn kriterju addizzjonali mmirat biex jagħti aktar piż lix-xejriet maż-żmien. Kull meta indikatur wera deterjorament fil-kategorizzazzjoni tal-JER tiegħu fuq sentejn sussegwenti – pereżempju minn "bħala medja" fis-sena t sa "għandu jiġi osservat" fis-sena t+1 u "kritiku" fis-sena t+2 – l-indikatur ingħadd darbtejn.

Għall-ġejjieni, il-metodoloġija għandha tqis ir-reviżjonijiet futuri tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, inkluż indikaturi ġodda fejn rilevanti, kif ukoll valutazzjonijiet regolari mill-EMCO u l-KPS u s-sottogruppi tal-indikaturi tagħhom biex tittejjeb id-detezzjoni f'waqtha u effettiva tar-riskji għall-konverġenza soċjali. F'dan il-kuntest, diskussjonijiet *ad hoc* dwar kif għandhom jiġu interpretati ċerti indikaturi attwalment inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali biex jitfasslu kunsiderazzjonijiet politiċi jżidu s-sjieda tal-analiżi mill-Istati Membri, b'mod partikolari f'każijiet selettivi fejn hemm il-ħtieġa li jitqiesu xi limitazzjonijiet tekniċi eżistenti.

3. Analiżi tat-tieni stadju (April – Mejju 2024)

L-analiżi tat-tieni stadju kienet maħsuba biex tipprovdi eżami aktar fil-fond tal-Istati Membri mmarkati fl-ewwel stadju.⁶ Il-Kummissjoni wettqet din l-analiżi bl-użu ta' sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva⁷ biex tevalwa l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq u l-fatturi determinanti ewlenin tagħhom. Għal kull wieħed mill-Istati Membri identifikati, l-enfasi kienet esklużivament fuq l-oqsma ta' politika li kienu tqiesu li jippreżentaw riskji potenzjali matul l-ewwel stadju. Għal xi wħud mis-seba' Stati Membri identifikati fl-2024, l-analiżi tat-tieni stadju ppermettiet lill-Kummissjoni tikkonferma li r-riskji identifikati fl-ewwel stadju kienu jikkostitwixxu sfidi ġenerali, filwaqt li għal oħrajn tali analiżi aktar profonda ppermettiet li jitwarrbu tali riskji.⁸ L-analiżi kkontribwiet għall-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew tal-2024, bis-sejbiet ewlenin għas-seba' Stati Membri riflessi fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2024 tagħhom u infurmat il-proposti tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) fejn xieraq.

⁶ L-analiżi tat-tieni stadju tas-seba' Stati Membri identifikati fl-2024 ġiet ippubblikata fil-forma ta' [Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni \(SWD\)](#) fis-6 ta' Mejju 2024. Is-seba' Stati Membri identifikati fl-2024 ġew ikkonsultati dwar kopji avvanzati tal-analiżi fid-9 ta' April.

⁷ Dan kien jinkludi b'mod partikolari l-indikaturi kollha li ġew miftiehma s'issa mal-Istati Membri bħala parti mill-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK) żviluppat mill-EMCO u l-KPS. Ġie kkunsidrat ukoll il-progress fil-miri nazzjonali tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

⁸ Skont i.) il-firxa tal-isfidi individwali li ħarġu mill-evidenza ulterjuri miġbura għal kull wieħed mill-oqsma ta' politika eżaminati; u ii.) il-valutazzjoni tar-reazzjonijiet politiċi li qed jiġu implimentati jew ippjanati mill-Istat Membru u jekk dawn tqisux biżżejjed biex jindirizzaw l-isfidi identifikati.

Meta mqabbla maċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-passat, l-analiżi tat-tieni stadju kellha l-għan li tipprovdi bażi aktar b'saħħitha għall-esplorazzjoni ta' xejriet ta' konverġenza soċjali, b'mod partikolari fi ħdan l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS. B'mod simili għall-ewwel stadju, il-Kummissjoni kellha l-għan li timminimizza l-piż amministrattiv li jiffaċċaw l-Istati Membri. Fl-2024, il-Kummissjoni wettqet l-analiżi u s-seba' Stati Membri kkonċernati ġew mistiedna jivverifikaw il-fatti ta' abbozz avanzat tal-analiżi. Madankollu, kien ikun meħtieġ aktar żmien mill-Istati Membri kkonċernati bejn il-pubblikazzjoni tal-analiżi tat-tieni stadju u r-rieżami tagħha fil-Kumitati sabiex tissaħħaħ is-sjieda kondiviża tal-analiżi. B'mod ġenerali, it-tieni stadju kien l-aktar siewi minn perspettiva multilaterali, peress li informa lill-Istati Membri dwar is-severità u l-interkonnessjonijiet tal-isfidi ffaċċati minn xi wħud mill-pari tagħhom. Sabiex jiżdied il-valur, l-analiżi tat-tieni stadju għandha tibqa' komprensiva, multidimensjonali, u tkopri l-prijoritajiet deskritti fis-CSRs maħruġa lill-pajjiżi. Minkejja l-enfasi analitika addizzjonali miġjuba mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni l-ġdid, mhux dejjem kien ċar sa liema punt l-analiżi tat-tieni stadju għenet biex tiġi rfinata l-gwida politika fformulata fil-proposti għas-CSRs u r-Rapporti tal-Pajjiżi relatati ppubblikati aktar tard fiċ-ċiklu tas-Semestru, minħabba l-approċċ immirat applikat.

Minn perspettiva futura, publikazzjoni aktar bikrija tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni u djalogu aktar profund bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-analiżi tat-tieni stadju. Biex issir distinzjoni minn dokumenti oħra tas-Semestru, l-analiżi tad-determinanti tal-isfidi ta' politika għandha tinkludi aħjar xejriet aktar fit-tul kif ukoll kunsiderazzjonijiet transsettorjali u reġjonali. Minħabba n-natura annwali tad-dokument, huwa importanti li l-elementi deskrittivi tal-analiżi jiddependu fuq l-aħħar data disponibbli (inkluż data ta' kull xahar) u jiffukaw fuq aġġornamenti rilevanti, b'mod partikolari r-riżultati tal-implimentazzjoni tal-politika, speċjalment meta Stat Membru jiġi analizzat fit-tieni stadju matul snin konsekuttivi.

4. Sorveljanza multilaterali (Mejju 2024)

L-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq identifikati mill-Kummissjoni fl-analiżi tat-tieni stadju ġew diskussi bħala parti mill-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali annwali tradizzjonali tal-EMCO u l-KPS.⁹ Matul iċ-ċiklu ta' sorveljanza tal-2024, kull wieħed mis-seba' Stati Membri analizzati ġie diskuss darba biss bl-użu ta' "approċċ ibbażat fuq il-pajjiż", jiġifieri permezz ta' rieżami ta' pajjiż wieħed iffukat fuq l-isfidi enfasizzati kemm mis-CSRs tal-2023 kif ukoll mill-analiżi tat-tieni stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. F'dan il-kuntest, din tal-aħħar ipprovdiet l-analiżi kuntestwali biex jinftiehem b'mod aktar wiesa' r-riskji u l-isfidi negattivi fl-Istati Membri lil hinn mill-kwistjonijiet speċifiċi msemmija fir-rakkomandazzjonijiet.

Dan l-approċċ ippermetta lill-Istati Membri fl-analiżi tat-tieni stadju biex iħejju għal rieżami wieħed għalkemm komprensiv hafna¹⁰, anke mil-lat ta' rekwiżiti ta' rappurtar; madankollu, il-ħtieġa li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar diversi kwistjonijiet ta' politika u li jiġu kkonsultati bosta esperti tal-politika nazzjonali wasslet lill-Istati Membri kkonċernati biex jirrappurtaw li esperjenzaw piż amministrattiv, inkluż koordinazzjoni sinifikanti meħtieġa fil-livell nazzjonali. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri mhux immarkati mill-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ma esperjenzawx differenzi sinifikanti f'dan ir-rigward. Fir-rigward tad-diskussjoni attwali tal-isfidi, meta mqabbla ma' rieżami tradizzjonali bbażat fuq l-implimentazzjoni ta' CSRs individwali, l-għadd ogħla ta' kwistjonijiet ta' politika llimita ż-żmien disponibbli għal diskussjoni multilaterali komprensiva.

⁹ Tali integrazzjoni ġiet diskussa għall-ewwel darba f'nofs Frar, meta l-Kumitati qablu li jużaw il-kriterji identifikati mill-Grupp ta' Ħidma tal-EMCO-KPS fl-2023 biex jiżguraw li l-għadd globali ta' rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali ma jiżdiedx.

¹⁰ L-adozzjoni ta' approċċ "ibbażat fuq il-pajjiż" timplika li kull Stat Membru jiġi diskuss darba biss, friezami komprensiv uniku dwar l-isfidi ġenerali identifikati, aktar milli diversi drabi fuq kull Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż riċevuta. Fl-2024, minbarra r-rieżamijiet organizzati b'mod konġunt mill-EMCO u l-KPS dwar is-seba' Stati Membri fit-tieni stadju, l-approċċ ġie ttestjat ukoll fir-rieżamijiet regolari mwettqa mill-KPS fuq il-bqija tal-Istati Membri li rċewew biss is-CSRs tal-2023 u ma kinux immarkati mill-Qafas ta' Konverġenza Soċjali.

Filwaqt li xi Stati Membri raw kooperazzjoni msaħħa bejn l-oqsma ta' politika fil-livell nazzjonali ta' benefiċċju fit-tul, it-tħejjija intensa meħtieġa fl-2024 tissuġġerixxi li hemm lok għal titjib fl-organizzazzjoni u l-effettività tar-rieżamijiet. B'mod partikolari, peress li l-piż amministrattiv kien akbar għal daww l-Istati Membri li kellhom jirrapportaw ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' bosta CSRs f'ħdan rieżami uniku, huma meħtieġa riflessjonijiet dwar il-kompromess possibbli bejn l-intensità u l-frekwenza tar-rieżamijiet f'ħdan l-attivitajiet annwali ta' sorveljanza multilaterali tal-Kumitati. Lil hinn mill-aspetti organizzattivi, pubblikazzjoni aktar bikrija tad-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni li fih l-analiżi tat-tieni stadju tippermetti wkoll li l-Istati Membri jkollhom aktar żmien biex iħejju għar-rieżamijiet.

5. Viżibbiltà politika tas-sejbiet (Ġunju – Lulju 2024)

Abbażi tar-rieżamijiet, fi tmiem iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024, l-EMCO u l-KPS qablu dwar sejbiet orizzontali u speċifiċi għall-pajjiżi, li ġew ikkomunikati lill-Kunsill biex jinforma lill-Ministri fil-filière tal-EPSCO dwar l-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni. Is-sejbiet orizzontali ġew ippreżentati l-ewwel permezz ta' *Opinjoni* ddedikata tal-EMCO-KPS *dwar il-konverġenza soċjali fl-Unjoni* f'Ġunju, u mbagħad ġew integrati fl-*Opinjoni Orizzontali annwali tradizzjonali* *dwar iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew* approvata mill-Kunsill f'Lulju li għadda, li kien fiha wkoll anness bis-sejbiet speċifiċi għall-pajjiż.¹¹

¹¹ Il-konklużjonijiet orizzontali inizjalment ġew ippreżentati lill-Ministri permezz ta' [Opinjoni ddedikata tal-EMCO-SPC dwar il-konverġenza soċjali fl-Unjoni](#) fl-20 ta' Ġunju 2024. Dawn imbagħad ġew integrati fl-[Opinjoni annwali tal-EMCO-SPC dwar iċ-ċiklu tal-2024 tas-Semestru Ewropew](#), li ġiet approvata mill-Kunsill (EPSCO) fis-16 ta' Lulju 2024. Is-sejbiet speċifiċi għall-pajjiżi ġew inklużi f'dan l-aħħar dokument bħala l-[Anness 3](#).

Il-Kunsill irċieva aġġornamenti regolari dwar l-implimentazzjoni pilota tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali mill-Presidenti tal-EMCO u tal-KPS u fl-aħħar mill-aħħar approva s-sejbiet orizzontali tiegħu f'Lulju, iżda l-Ministri fil-filière tal-EPSCO ma kellhomx dibattitu politiku ddedikat. Fl-istadju pilota, ma kien hemm l-ebda kunsens fil-Kunsill biex jiġu fformulati konklużjonijiet politiċi, lil hinn mill-approvazzjoni tas-sejbiet tekniċi tiegħu permezz tal-Opinjoni Orizzontali annwali pprovduta mill-EMCO u l-KPS dwar is-Semestru Ewropew. Fl-2024, in-natura pilota tagħha, in-novità rrappreżentata mill-analiżi tat-tieni stadju, u n-nuqqas ta' dibattitu politiku ddedikat illimitaw iċ-ċarezza tal-impatt tal-Qafas fuq is-Semestru Ewropew, kif ukoll il-possibbiltà li jitwasslu messaġġi politiċi konċiżi lill-partijiet ikkonċernati. Lil hinn mill-istadju pilota, jistgħu jiġu kkunsidrati aktar riflessjonijiet dwar kif tista' tissaħħaħ il-viżibbiltà.

6. Konklużjonijiet

L-implimentazzjoni pilota tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew 2024 kienet immirata lejn monitoraġġ aktar strutturat tax-xejriet tal-konverġenza soċjali madwar l-Unjoni f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iżda jippersistu differenzi fil-Kumitati dwar il-punt sa fejn dan inkiseb, inkluż mil-lat tal-valur miżjud tiegħu. L-irfinar adegwat tal-analiżi f'żewġ stadji jista' jipprovdi għarfien aktar profond, fil-livell tal-UE, tal-fatturi wara l-prestazzjonijiet fuq terminu qasir u twil tal-Istati Membri fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, u b'hekk itejjeb kemm in-natura analitika kif ukoll id-dimensjoni multilaterali tas-Semestru Ewropew u jtejjeb ir-rilevanza tal-gwida politika relatata fil-livell tal-UE. Filwaqt li xi Stati Membri raw il-benefiċċji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali kif implimentat fiċ-ċiklu tal-2024, xi oħrajn għandhom dubji dwar il-valur miżjud u l-iskop aħħari tal-Qafas meta mqabbel ma' prattiki preċedenti.

Fl-2024, il-Qafas ġie implimentat bħala proġett pilota mingħajr ma ġie impost piż amministrattiv sinifikanti matul l-ewwel u t-tieni stadji tiegħu. Madankollu, dan daħħal xi piżijiet assoċjati mat-tħejjija u l-parteċipazzjoni tas-seba' Stati Membri identifikati bħala li qed jiffaċċjaw riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS. Għall-Istati Membri involuti, id-diskussjoni tal-analiżi tat-tieni stadju u r-rappurtar ukoll dwar l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti wasslu għal sforzi sinifikanti ta' tħejjija. Min-naħa l-oħra, xi Stati Membri jemmnu li l-piż amministrattiv addizzjonali għandu jiġi vvalutat fir-rigward tal-impatt tad-deterjorament tas-sitwazzjoni soċjali li l-Qafas huwa maħsub biex jgħin fil-prevenzjoni tagħha. B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni tal-proġett pilota tissuġġerixxi li hemm lok biex dan l-ambjent jittejjeb biex jiġi żgurat li l-Qafas ikun jista' jiġi implimentat b'mod effettiv f'ċikli futuri u biex jissaħħaħ il-valur miżjud tiegħu *vis-à-vis* talbiet amministrattivi possibbli. Fir-rigward tal-viżibbiltà politika tal-Qafas, filwaqt li xi Stati Membri jagħmlu l-argument li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill jistgħu - billi jagħrfu s-sejbiet skont il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali - iżidu l-viżibbiltà politika tad-dimensjoni soċjali fis-Semestru Ewropew u jikkontribwixxu għat-titjib tal-eżiti tal-impjiegi u dawk soċjali fil-livell nazzjonali u tal-UE, oħrajn jemmnu li s-sejbiet tal-Qafas jistgħu jintbagħtu lill-Kunsill permezz tal-Opinjoni Orizzontali annwali dwar is-Semestru Ewropew.

F'konformità ma' dan ta' hawn fuq, biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali inkluż mil-lat ta' valur miżjud, il-Kummissjoni - bl-involvement attiv tal-EMCO u l-KPS - għandha tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' aġġustamenti possibbli, anke fid-dawl tal-intenzjoni tagħha li tuża l-Qafas biex tħaddem l-Artikolu 3(3)(b) tar-Regolament 2024/1263. Fit-terminu qasir, pubblikazzjoni aktar bikrija tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni u analiżi multidimensjonali aktar profonda dwar id-determinanti tar-riskji u x-xejriet, flimkien ma' djalogu msaħħaħ mal-Istati Membri kkonċernati, isaħħu s-sjieda konġunta potenzjali tal-analiżi tat-tieni stadju, jikkontribwixxu għat-titjib tat-tħejjija għar-rieżamijiet tas-sorveljanza multilaterali, u jappoġġaw l-identifikazzjoni ta' sfidi speċifiċi li jistgħu jiġu indirizzati permezz tas-CSRs. Fuq terminu twil, ir-rieżami tal-metodoloġija tal-analiżi tal-ewwel stadju u l-indirizzar tan-nuqqasijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali attwali jistgħu jtejbu l-identifikazzjoni bikrija tar-riskji u jsaħħu s-sjieda mill-Istati Membri, u b'hekk irawmu fehim aktar kondiviż u viżibbiltà politika akbar tal-konverġenza soċjali 'l fuq. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-valutazzjoni twettqet ftit wara l-proġett pilota, li għamilha diffiċli li jiġi vvalutat bis-sħiħ il-Qafas, b'mod partikolari l-valur miżjud u l-piż amministrattiv tiegħu, u li jiġu diskussi proposti għal aġġustamenti. Għal dan l-għan, jista' jkun xieraq li jitwettaq eżerċizzju ta' rendikont wara numru żgħir ta' snin ta' implimentazzjoni.
